



IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

Flimkien mal-Parlament Ewropew, il-Kunsill huwa l-istituzzjoni li tadotta l-leġiżlazzjoni tal-UE permezz ta' regolamenti u direttivi u tnejni deċiżjonijiet u rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti. Fil-oqsma ta' kompetenza tiegħu, hu jieħu d-deċiżjonijiet permezz ta' maġġoranza sempliċi, maġġoranza kwalifikata jew b'mod unanimu, skont il-bażi ġuridika tal-att li jkun jirrikjedi l-approvazzjoni tiegħu.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

Fil-qafas istituzzjonali uniku tal-Unjoni Ewropea, il-Kunsill jeżerċita s-setgħat mogħtija lilu permezz tal-Artikolu 16 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u l-Artikoli 237 sa 243 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

IR-RWOL

A. Il-leġiżlazzjoni

Abbażi tal-proposti ppreżentati mill-Kummissjoni, il-Kunsill jadotta l-leġiżlazzjoni tal-UE fil-forma ta' regolamenti u direttivi, b'mod konġunt mal-Parlament skont l-Artikolu 294 tat-TFUE (il-proċedura leġiżlattiva ordinarja) jew waħdu, wara konsultazzjoni mal-Parlament (1.2.3). Il-Kunsill jadotta wkoll deċiżjonijiet individwali u rakkomandazzjonijiet mhux vinkolanti (l-Artikolu 288 tat-TFUE) u joħroġ riżoluzzjonijiet. Il-Kunsill u l-Parlament jistabbilixxu r-regoli ġenerali li jirregolaw l-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni jew riżervati lill-Kunsill stess (l-Artikolu 291(3) tat-TFUE).

B. Il-baġit

Il-Kunsill huwa waħda miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, l-oħra hi l-Parlament, li tadotta l-baġit tal-Unjoni Ewropea (1.2.5). Il-Kunsill jadotta wkoll, skont proċedura leġiżlattiva speċjali u filwaqt li jaġġixxi b'mod unanimu, deċiżjonijiet li jistabbilixxu d-dispożizzjonijiet li japplikaw għas-sistema tar-riżorsi proprji tal-UE u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali (l-Artikoli 311 u 312 tat-TFUE). Fil-każ tal-añħar, il-Parlament jeħtieġ jaġħti l-kunsens tiegħu permezz ta' maġġoranza tal-Membri tiegħu. L-añħar Qafas Finanzjarju Pluriennali (2014–2020) ġie adottat mill-Parlament f'Novembru 2013. Il-Kunsill jaqsam it-Taqsima II tal-Baġit tal-Unjoni Ewropea mal-Kunsill Ewropew (l-Artikolu 43(b) tar-Regolament Finanzjarju), minkejja l-fatt li dawn huma żewġ istituzzjonijiet separati.



C. Is-setgħat l-oħra

1. Il-ftehimiet internazzjonali

Il-Kunsill jikkonkludi l-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni, li jiġu nnegożjati mill-Kummissjoni u fil-maġġoranza tal-każijiet jirrikjedu l-kunsens tal-Parlament (l-Artikolu 218(6) tat-TFUE).

2. Il-ħatriet

Il-Kunsill, li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata (mit-Trattat ta' Nizza 'l hawn), jaħtar lill-membri tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Regġuni.

3. Il-politika ekonomika

Il-Kunsill jikkoordina l-politiki ekonomiċi tal-Istati Membri (l-Artikolu 121 tat-TFUE) u, mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Bank Ċentrali Ewropew, jieħu deċiżjonijiet politiċi fil-qasam monetarju. Hemm regoli speċjali li japplikaw għall-membri tal-Grupp tal-Euro, li jeleġġu president għal mandat ta' sentejn u nofs (l-Artikoli 136 u 137 tat-TFUE). Normalment, il-ministri tal-finanzi tal-Grupp tal-Euro jiltaqgħu jum qabel il-laqgħa tal-Kunsill "Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji".

Il-Kunsill iwettaq ukoll għadd ta' funzjonijiet ta' governanza ekonomika fi ħdan il-qafas tas-Semestru Ewropew. Fil-bidu taċ-ċiklu, fil-ħarifa, huwa jqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għaż-żona tal-euro abbażi tal-istħarriġ annwali dwar it-tkabbir; imbagħad f'Ġunju u f'Lulju jadotta r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż wara li dawn ikunu ġew approvati mill-Kunsill Ewropew.

L-Artikolu 136 tat-TFUE ġie emendat mid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/199/UE u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2013, wara r-ratifika mill-Istati Membri kollha. Issa jipprovdi l-bażi ġuridika għall-mekkaniżmi ta' stabbiltà bħal pereżempju l-MES ([2.6.8](#)).

4. Il-politika estera u ta' sigurtà komuni ([5.1.1](#)) u ([5.1.2](#))

It-Trattat ta' Lisbona ta personalità ġuridika lill-Unjoni Ewropea, li ħadet post il-Komunità Ewropea. It-Trattat il-ġdid neħħa wkoll l-istruttura ta' tliet pilastru. Il-Ġustizzja u l-Intern sar qasam ta' politika tal-UE integrat bis-sħiħ, fejn il-proċedura leġislattiva ordinarja tapplika kważi fil-każijiet kollha. Madankollu, rigward il-politika estera u ta' sigurtà, il-Kunsill għadu jaġixxi skont regoli speċifiċi meta jadotta pożizzjoni komuni u azzjoni konġunta jew meta jfassal konvenzjoni.

Il-formula tat-Trojka preċedenti ġiet sostitwita b'sistema ġdida: il-Kunsill għall-Affarijiet Barranin, presedut fuq bażi permanenti mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, issa jikkollabora mill-qrib mal-Kummissjoni. Dan il-Kunsill huwa assistit mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill u mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna.



L-ORGANIZZAZZJONI

A. Il-kompożizzjoni

1. Il-membri

Il-Kunsill huwa kompost minn rappreżentant ta' kull Stat Membru, fuq livell ministerjali, "li jista' jimpenja lill-gvern tal-Istat Membru li hu jirrappreżenta" (l-Artikolu 16(2) tat-TUE).

2. Il-presidenza

Bl-eċċezzjoni tal-Kunsill "Affarijiet Barranin", il-Kunsill huwa presedut mir-rappreżentant tal-Istat Membru li jkkollu l-presidenza tal-Unjoni Ewropea: dan jinbidel kull sitt xhur, fl-ordni li l-Kunsill jiddeċiedi b'mod unanimu (l-Artikolu 16(9) tat-TUE). Il-presidenza tal-formazzjonijiet kollha tal-Kunsill flief dik tal-affarijiet barranin issir minn gruppi stabbiliti minn qabel ta' tliet Stati Membri għall-perjodu ta' 18-il xahar, fejn kull membru jkollu l-presidenza tal-Kunsill għal sitt xhur.

L-ordni tal-presidenzi għall-ħames snin li ġejjin hija din: il-Kroazja u l-Ġermanja fl-2020, il-Portugall u s-Slovenja fl-2021, Franza u ċ-Ċekja fl-2022, l-Iżvezja u Spanja fl-2023 u l-Belġju u l-Ungerija fl-2024. Il-Kunsill Ewropew jista' jibdel l-ordni (l-Artikolu 236(b) tat-TFUE).

3. Il-korpi preparatorji

Kumitat magħmul mir-rappreżentanti permanenti tal-Istati Membri jħejji l-ħidma tal-Kunsill u jwettaq il-kompiti li l-Kunsill jassenjalu (l-Artikolu 240 tat-TFUE). Dan il-kumitat, magħruf bħala l-Coreper, huwa ppresedut minn rappreżentant tal-Istat Membru li jkollu l-presidenza tal-Kunsill "Affarijiet Ġenerali", jiġifieri l-presidenza b'rotazzjoni. Madankollu, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà, li jissorvelja s-sitwazzjoni fl-oqsma koperti mill-politika estera u ta' sigurtà komuni, huwa presedut minn rappreżentant tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà.

Il-Coreper jiltaqa' kull ġimgħa biex iħejji l-ħidma tal-Kunsill u jikkoordina l-attivitajiet marbuta mal-kodeċizzjoni flimkien mal-Parlament Ewropew. Il-Coreper huwa maqsum f'żewġ gruppi: il-Coreper I, li jikkonsisti minn viċi rappreżentanti permanenti, iħejji l-ħidma fl-oqsma l-aktar tekniċi, fosthom l-agrikoltura, l-impjiegi, l-edukazzjoni u l-ambjent; u l-Coreper II, li jittratta kwistjonijiet li jappartjenu iżjed għall-qasam ta' "politika għolja", b'mod partikolari l-affarijiet barranin, ekonomiċi u monetarji u l-ġustizzja u l-affarijiet interni. Il-Coreper huwa megħjun fil-ħidma ta' tnejn tiegħu minn madwar għaxar kumitati u mitt grupp ta' ħidma speċjalizzat.

B. Il-funzjonament

Skont il-qasam ikkonċernat, il-Kunsill jieħu d-deċizzjoni tiegħu permezz ta' maġġoranza sempliċi, maġġoranza kwalifikata jew b'mod unanimu (1.2.3) u (1.2.4). Meta l-Kunsill jaġixxi f'kapacià leġiżlattiva, il-laqgħat tiegħu jkunu miftuħin għall-pubbliku (l-Artikolu 16(8) tat-TUE). Is-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill jiġi nnominat mill-Kunsill skont l-Artikolu 240 tat-TFUE. Il-laqgħat tal-Kunsill isiru fi Brussell, iżda anki fil-Lussemburgu (is-sessjonijiet ta' April, ta' Ġunju u ta' Ottubru). Attwalment hemm għaxar



formazzjonijiet tal-Kunsill, li tlieta minnhom jiltaqgħu regolarment (Affarijiet Ġenerali, Affarijiet Barranin, u Affarijiet Akonomiċi u Monetarji (ECOFIN)).

1. Il-maġġoranza sempliċi

Din tfisser li deċiżjoni jitqies li tkun ittiegħdet meta jkun hemm aktar voti favur milli kontra. Kull membru tal-Kunsill għandu vot wiegħed. Għalhekk, il-maġġoranza sempliċi tintlaħaq jekk 14-il membru tal-Kunsill jivvotaw favur. Ir-regola tal-maġġoranza sempliċi hija applikabbli meta t-Trattat ma jipprovdix mod ieħor (l-Artikolu 238(1) tat-TFUE). Għalhekk din hija l-proċess awtomatiku ta' teħid ta' deċiżjoni. Fil-prattika, madankollu, ir-regola tapplika biss għal numru żgħir ta' deċiżjonijiet: ir-regoli interni tal-Kunsill, l-organizzazzjoni tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, u r-regoli li jirregolaw il-kumitati previsti fit-Trattat.

2. Il-maġġoranza kwalifikata

a. Il-mekkaniżmu

Ir-regola tal-maġġoranza kwalifikata tal-Kunsill tinsab fit-Trattat ta' Lisbona, fl-Artikolu 16 (4, l-ewwel paragrafu) tat-TUE. Skont dan l-Artikolu, tali maġġoranza kwalifikata teħtiegħ l-appoġġ ta' mill-inqas 55 % tal-membri tal-Kunsill li jkunu jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni. Fil-prattika, dan ifisser l-appoġġ ta' mill-inqas 15-il Stat Membru minn 27. F'każijiet meta l-proposta ma tkunx għejja mill-Kummissjoni jew mir-Rappreżentant Għoli, tapplika r-regola ta' maġġoranza kwalifikata msaħħa, li skontha l-perċentwal meħtiegħ ta' membri tal-Kunsill li jivvotaw favur huwa 72 % (inklużi mill-inqas 20 Stat Membru minn 27), li għal darb'oħra jkunu jirrappreżentaw mill-inqas 65 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni.

b. Il-kamp ta' applikazzjoni

It-Trattat ta' Lisbona reġa' estenda l-kamp ta' applikazzjoni tat-teħid tad-deċiżjonijiet b'VMK. Dan introduċa jew estenda l-VMK għal 68 bażi ġuridika, fil-biċċa l-kbira tal-każijiet b'mod konġunt mal-introduzzjoni tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja (inklużi ħafna oqsma li kienu jaqgħu taħt it-tielet pilastru). Il-VMK tapplika wkoll għall-ħatra tal-President u l-Membri tal-Kummissjoni u l-membri tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u tal-Kumitat tar-Regġuni ([1.2.3](#) u [1.2.4](#)).

3. L-unanimità

L-unanimità hija meħtiegħa biss mit-Trattat għal deċiżjonijiet fi ftit oqsma, li huma, madankollu, fost l-aktar importanti (it-tassazzjoni, il-politika soċjali, eċċ.). Din is-sitwazzjoni nżammet mit-Trattat ta' Lisbona. Madankollu, l-Artikolu 48(7) tat-TUE jipprevedi klawsola "passerelle" li tippermetti lill-Kunsill jadotta deċiżjonijiet dwar ċerti suġġetti b'maġġoranza sempliċi minflok b'unanimità. Barra minn hekk, għal ċerti politiki l-Kunsill jista' jiddeċiedi (b'unanimità) li jestendi l-użu tal-VMK (pereżempju, l-Artikolu 81(3) tat-TFUE dwar id-dritt tal-familja b'implikazzjonijiet transkonfinali).

B'mod ġenerali, il-Kunsill jipprova jikseb l-unanimità anke meta ma jkunx hemm bżonn. Din il-preferenza tmur lura għall-Kompromess tal-Lussemburgu tal-1966, li temm tilwima bejn Franza u l-Istati Membri l-oħra meta Franza rrifjutat it-tranżizzjoni mill-unanimità għall-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata għal ċerti oqsma. It-test tal-kompromess jgħid: "Meta, fil-każ ta' deċiżjonijiet li jistgħu jittiegħdu b'votazzjoni b'maġġoranza dwar proposta mill-Kummissjoni, ikun hemm l-interessi ta' siegħeb



wieħed jew iktar fin-nofs, il-Membri tal-Kunsill għandhom jistinkaw, biex fi ħdan perjodu ta' żmien raġonevoli, jaslu għal soluzzjonijiet li jkunu jistgħu jiġu adottati mill-Membri kollha tal-Kunsill u fl-istess ħin li jirrispettaw l-interessi reċiproċi tagħhom u dawk tal-Komunità".

Soluzzjoni simili nstabet fl-1994 fil-"Kompromess ta' Ioannina" sabiex jiġu protetti dawk l-Istati Membri li jkunu waslu biex jikkostitwixxu minoranza li timblokka. Skont dan l-arranġament jekk il-pajjiżi inkwistjoni jesprimu l-intenzjoni tagħhom li jopponu t-teħid ta' xi deċiżjoni mill-Kunsill b'maġġoranza kwalifikata, il-Kunsill jagħmel dak kollu fis-setgħa tiegħu, fi spazju ta' żmien raġonevoli, biex tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal maġġoranza kbira ta' Stati Membri.

Aktar reċentement, il-possibbiltà li l-introduzzjoni tas-sistema l-ġdida ta' maġġoranza doppja tiġi posposta mill-2014 sal-31 ta' Marzu 2017, kienet pass fl-istess direzzjoni u ppermettiet li, fuq talba ta' Stat Membru, tiġi applikata r-regola l-qadima ta' votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata stabbilita fit-Trattat ta' Nizza ([1.2.3](#)).

Eeva Pavy
02/2020

